IL-BAMBIN TAL-MILIED

Jekk fir-rahal kont issemmi isem Fredu l-mastrudaxxa, kulhadd kien jgholli idejh biex jobrom il- mustacci, anke jekk ma kienx ikollu, biex juru li Fredu kien mghallem ta' l-affari tieghu fis-sengha ta' l-injam. Fil-hin liberu tieghu kien jaghti sehmu biex it-tizjin fit-toroq jisbieh u l-opri fil- knisja ikomplu jikbru. L-ghaxqa tieghu kienet li kull lejlet il-Milied jimxi wara l-purcissjoni tal-Bambin Gesu' organizzata mill-Ghaqda tad-Duttrina u ma kienx ifalli wahda, bhallikieku kellu xi weghda xi jtemm. Darba resaq fuq is-Superjur u qallu: "Halli f'idejja u sena ohra izzanznu



bradella u maxtura, jekk il-Bambin jislifni l- ghomor." Ghax xi zmien qabel waqt li kienu qed inizzlu l-bradella mill-post fejn kienet merfugha, waqghetilhom minn idejhom u baqghet niezla ma' l-art b'sabta hekk li kbira u saret bicciet. U Fredu zamm kelmtu.

Imma issa li Fredu lahqitu disgrazzja ma setghax jmur aktar ghall-purcissjoni. Waqt li kien qed jaqsam it-trieq, karozza misjuqa minn zaghzugh li bilkemm kellu tmintax-il sena u li kien taht l-influenza tad-drogi tajru, u bilkemm ma qatlux; hallieh immankat ghal ghomru, tant li bi tbatija kbira kien jaghmel passejn fil-kmara. Li joqghodu jaghdruh meta jarawh, kienet haga li dejjqu hafna u ghalhekk parti kbira mill-hin kien iqattghu wara

l- persjana u rari kien johrog, anzi tista tghid li xejn.

L-akbar ferh tieghu kien meta jasal il- Bambin, u s-Superjur jwaqqaf il-purcissjoni quddiem id- dar ta' Fredu u hemm it-tfal ikantaw xi zewg innijiet u tfajjel jaghmel poezja qasira fuq Gesu'. Meta kienu jitilqu Fredu kien jghid lil ohtu Marija, " Ma morniex ahna naraw il-Bambin, gie hu jarana."

Madonna ghinni," ghajjat il-kappillan waqt li waqa' mis-sellum bil-Bambin f'idejh. Il-Madonna vera ghenitu ghax hu ma gralu xejn meta fil-fatt kellu jikser minkbejh, ghaliex biex isalva l-bambin waqa fuq idejh. Izda jekk helisha hu l-Bambin le. Il-bambin sar frak. Inkwieta ghaliex ma setghax jirranga is-sitwazzjoni billi jixtri iehor minhabba li lejliet il-Milied li habat il-Hadd il- bejjiegh tal-Bambini kien maghluq. In-nies li kienu l-knisja dak il-hin, kollha daru mieghu biex jaghtuh l-ewwel ghajnuna, fosthom Marija, oht Fredu li kienet qed tirranga flimkien mal-"helpers" l-ohra t-tizjin tal-Milied. Il-kappillan aktar kien inkwetat ghax fil-purcissjoni ma' kienx ser ikollu Bambin milli ghall-waqgha li garrab.

Meta Marija marret id-dar irrakontat lil huha Fredu dak li gara. "Ghalhekk qed jinkwieta l- kappillan? Jinkwieta kieku kiser saqajh jew idejh, ghax kieku bhal issa qieghed l-isptar. U filghaxija ma kienx imexxi l-funzjoni. Ara Marija cempillu u ghidlu li ghall-Bambin ma jinkwetax ghax intih tieghi, mhux nislifulhu, izda naghtihulu ghal kollx."

Hekk ghamlet Marija u l-kappillan ghalkemm ma riedx li jzommu hlief ghal festi tal-Milied accetta f'isem il-parruccani tieghu l-generosita' ta' Fredu.

"Nigi ghalih f'xi hin ghat-tard pero'," qallu l-kappillan fuq it-telefon. "Ejja meta u fi x'hin trid ghalih. Biebi dejjem miftuh ." Dik is-sena lejliet il-Milied kien kiefer, kesha u xita bla waqfien. U dak in-nhar Fredu ghamel naqra buli ghax il-Bambin kien ser jibqa' gewwa. Imma s-Superjur xorta wahda mar jarah biex jaghtih l-awguri ghall-festa tat-Twelid tal-Bambin Gesu'.

Habbat il-bieb u Marija dahhlitu gewwa. Is-Superjur intasab bil-qieghda ma' gemb Fredu quddiem ix-xbiha ta' Bambin sabieh imzejjen bil-gulbiena bajda silg u imdawwar b'lampi zghar ikkuluriti. Filwaqt li Marija marret iggib bicca kejk tal-Milied u kikkra imbuljuta, s-superjur u Fredu tkellmu fuq it-temp tassew xitwi li kien qed jahkem il-gzejjer taghna f'dawk il-jiem. Il-kliem fl-ahhar waqa' fuq ix-xbiha tal- Bambin. " Dak gibtu mieghi minn Spanja xi 10 snin ilu, meta mort gita mal-kappillan. Kont ghidtlu biex jghidli fejn immur biex nixtri wiehed sabih, ghax kont naf li ta' spanja huma kapulavur. Trid tara lil tal-hanut jiftah vetrina wara l-ohra, kollha mimlija statwi tal-Madonna u qaddisin u bambini tal-Milied. Wiehed kien isbah mill-iehor. U meta xtrajtu ghidt lil sid il-hantu biex jippakjahuli tajjeb ghax ridt ingorru mieghi Malta."

"Tassew sabih," qallu s-superjur. Kien sarlu l-hin biex jilhaq il-funzjoni tal-knisja u s-superjur mill-gdid sellem lil Fredu u lil Marija u erhilha lejn il-knisja.

Ghadda l-hin u waslu biex idoqqu d-disa' u nofs ta' bil-lejl. "Jidher li l-kappillan mhux gej biex sar dan il-hin u ghadu ma deherx."

"La qallek jigi, jigi zgur. Minghajr il-Bambin ma jistax imexxi l-attivita' tal-Milied."

Donnu kien wara l-bieb jissemma  x'kienet qed tghid Marija ghaliex anqas lahqet spiccat l-ahhar kelmiet li l-kappillan ma habbatx il-bieb. Meta Marija fethet il-bieb, bi Fredu jimxi warajha qisu bebbuxu, baqghet b'halqaha miftuh.

Quddiemha rat mhux biss il-kappillan flimkien mal-vici, izda wkoll lil Dun Spir u lil Dun Alwig. Maghhom inghaqdet ukoll folla nies ikoll bl-umbrellel miftuha, ghax dak il-hin kienet niezla rxiex, u armati bid-dwal f'idejhom. Min kellu xema, min kellu fanal, sahansitra kien hemm ukoll min kellu torca. Il-kappillan dahal u ha l-Bambin u mexxa l-purcissjoni bin-nies lejn il-knisja. Fit-triq ikoll bdew ikantaw innijiet tal-Milied. Niftiehmu ma kienx xi kant angeliku, min jistona, min jinzel, min jitla fil-vuci, izda Alla dejjem jara li-intenzjoni tal-qalb.

Ma lahqitx il-purcissjoni daret il-kantuniera li karrozza ma tieqafx quddiem id-dar ta' Fredu. Nizel minnha s-sagristan u cempel il-qampiena tad-dar ta' Fredu. " Fred ejja nghinek tidhol fil- karozza biex inwasslek il-knisja ghac-ceremonja ta' bil-lejl. Hekk irid il-kappillan li benefattur bhalek ma jibqghax imwarrab mill-kommunita".  Minghajr argument Fredu tefa' l-kowt fuqu biex jilqa' il-bard u qajla qajla mexa lejn il-karozza. Rikeb fiha u f'kemm ili nghidlek qabel ma l- purcissjoni waslet il-knisja, Fredu dahal mill-bieb ta' wara tal-knisja biex sab ruhu fis-sagristija. Dahal fil-kor biex minn hemm isegwi s-servizz tal-Milied.

Kemm ha gost jara l-purcissjoni tal-Bambin Gesu', jisma' il-kant tal-kor tal-parrocca u jsegwi l-omelija tal-kappillan fuq il-Milied.

Meta spicca kollox l-kappillan stieden lill- partecipanti fis-sala tal-parrocca biex flimkien jiehdu xi haga ta' l-okazzjoni. "Mhux ser tiskru" qalilhom il-kappillan bid- dahqa, "imma biex wiehed ikompli mal- okazzjoni ta' ferh". Tbissima fegget fuq xuftejn kulhadd.

Malli l-gemgha ngabret fis-sala l-kappillan rega' tenna l-awguri tieghu lil dawk presenti u qalilhom : " Hbieb, kull qalb trid ohra. Fredu hadem hafna ghall-parrocca, sahansitra li kieku ma kienx hu li rregala l-Bambin biex tkun tista' issir din l-attivita' tal-Milied, kieku ma kontx naf x'ser naghmel. U bhala radd ta' hajr il-parrocca", u hawn il-kappillan dar lejn Fredu u kompla jindirizzah hekk: " Illum, jum il-Milied, ser tirregalalek dan is-siggu tar-roti biex inti tkun independenti u hajtek taghmilha bhal ta' haddiehor." Il-prezenti tawh capcipa kif imiss. Fredu qaghad bilqieghda fuq is-siggu tar-roti jdur wiehed wiehed u wahda wahda u jixtieqilhom kull gid u barka mis-sema.